# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D

Illum 8 ta' Frar, 2017

Wara l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 818/2016 fl-ismijiet:

Joseph Gauci (KI 200957M), Dennis Mark Gauci (KI387484M), Aldo Zammit (KI112674M) u Brian Farrugia (KI 608581M) f'isimhom propju u bhala socji fid-ditta ta' Accountants u Udituri KSI Malta.

Vs

Trebee Company Limited (C45998)

Rat ir-rikors datat 12 ta' Dicembru, 2017 fejn gie mitlub:

"Illi nhareg l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju hawn fuq citat kontra s-socjeta` esponenti ghall-ammont ta' dsatax-il elf erbgha mija u tmintax-il Ewro u tmien centezmi (€194,18.08).

Illi l-Artikolu 849 li jirreferi ghall-Artikolu 843(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid bic-car illi wara li jkun akkordat mandat kawtelatorju, dan ghandu jigi segwit b'kawza fi zmien ghoxrin jum.

Illi minkejja ghaddew diversi xhur minn meta gie akkordat l-istess mandat, dan ma giex segwit b'kawza  u ghaldaqstant huwa car li dan kien mandat maghmul bl-ghan li jivvessa lis-socjeta` sekwestrata.

Illi skond l-Artikolu  843(2), l-effetti tal-istess mandat kawtelatorju jieqfu u ghalhekk dan il-mandat m'ghadux in effett peress illi ma saritx kawza fi zmien stipulat.

Illi l-Artikolu  836(8) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovvdi wkoll li f'sitwazzjonijiet simili u cioe` meta l-att kawtelatorju ma jkunx gie segwit b'kawza , jista' jigi kkundannat li:  rikorrenti "ihallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu (6988.12) li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju".
Ghaldaqstant l-esponenti qed jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tordna li jigi revokat ghal kollox l-att kawtelatorju fuq indikat ossia l-mandat ta' sekwestru Numru 818/2016 u dana ai termini tal-Artikolu 536(1)(a) tal-Kap. 12, tiddikjara l-istess kontro-mandat bhala wiehed vessatorju u tikkundanna lir-rikorrenti jhallsu l-penali hawn fuq imsemmija skond l-Artikolu  836(8)(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana that kull provvediment li joghgobha timponi".

Rat id-digriet taghha datat  14 ta' Novembru, 2016;

Rat li l-intimati notifikati bir-rikors u bid-digriet imsemmi baqa ma ntavolaw ebda risposta;

Ikkunsidrat;

Illi din it-talba ghar-revoka qed isir a bazi ta' l-artikolu 843(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jimponi perjodu perentorju fl-liema ir-rikorrenti li jkun inhareg favorih mandat kawtelatorju, sekwestru f'dan il-kaz, ghandu jintavola kawza biex b'hekk jigi investigat guridikament u *in funditus* il-jedd minnu kawtelat fil-mandat. L-Inadempjenza ta' dan jwassal skont is-sub inciz 2, jekk in-nuqqas ta' presentata tal-kawza mhux wahda li ghalija ir-rikorenti ma jkollux *raguni tajba*, biex fl-ewwel lok jieqfu l-effetti tal-mandat kif ukoll lir-rikorrenti jkun responsabbli *ghad-danni u imghaxijiet kollha*.

Ir-rikors in ezami jaghmel referenza ghall-artikolu 836(8)(a) ta' l-isemmi kap li jimponi fil-kaz in ezami l-imposizzjoni ta' penali li ghandhom jmorru ghand il-persuna li kontra taghha jkun inhareg il-mandat kawtelatorju.

L-artikolu citat jghid lil qorti tista tikkundanna lir-rikorrenti responsabbli ghal hrug tal-mandat, ghalhekk huwa car mill-kelma tal-ligi li din l-imposizzjoni hija fakoltattiva u diskrezzjonarja fuq il-Qorti jekk jigi muri lilha li dan huwa misthoqq.

Inghad mill-qrati taghna dwar talbiet simili ;

*"Art 836 (8)*

*11. Illi r-rikorrenti qiegħdin jitolbu l-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Art 836(8) tal-Kap 12 fejn l-Qorti għandha l-fakolta` li timponi penali jekk jirrikorru l-elementi komtemplati fl-imsemmi artikolu tal-Liġi. Hawn issir*

*referenza għall-provvedimenti tal-***10 ta` Awwissu 2012 fl-atti tar-rikors mahluf nru 164/12 JRM fl-ismijiet : "Jamar Malta Limited (C45236) vs Office Group Limited (C39197)***" : ghat-thassir tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju nru 609/2012 ipprezentat nhar l-4 ta` Mejju 2012 fl-ismijiet : "Office Group Limited (C39197) vs Jamar Malta Limited (C45236)" il-Qorti qalet hekk dwar l-Art 836(8) tal-Kap 12 :-*

*"Illi dwar il-kwestjoni tal-impozizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali.*

*Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta.*

*Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl- artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż."*[1]

[1] Fl-atti tal-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju 966/2015AE fl-ismijiet George Cassar pro et nom. Et. vs Emmanuel Falzon et; 741/2015/LSO 22.10.2015

Tenut dana tqies illi l-mandat ta' sekwestru intalab u gie akkordat fil-31 ta' Mejju, 2016 ghas-somma hemm indikata a bazi ta' kawzali ta' *" import u valur ta' servizzi professjonali ta' accountancy, ta' konsulenza ta' amministrazzjoni u uditjar prestati u esegwiti ghak-kont tas-socjeta sekwestrattrici u mhux imhallsa".*[2]

Ghala sekwestranti ghazlu li ma jipprocedux bil-kawza kif impost bil-ligi huwa insaput ghal Qorti, ghala hallew is-sekwestru vigenti ghal dan it-tul taz-zmien huwa daqstant iehor injot. Daqstant iehor huwa stramb ghala is-socjeta sekwestrata kellha da parti taghha thalli xhur twal jghaddu qabel ma tressaq din it-talba.

Illi huwa veru illi l-imposizzjoni tal-penali hija intiza biex ma jsir ebda abbuz mill-process gudizzjarju, pero il-milqut b'att kawtelatorju irid jghin lilu innifsu f'cirkostanzi fejn suppost qieghed ibaghti xi pregudizzju.

Ghal xhur twal jidhru lir-rikorrenti ma kellhom ebda interess f'dan. Pero dana m'ghandux jesonera ghal kollox lis-sekwetranti li naqsu li jaraw lil kawtela mitluba titnehha darba li ma segwewx id-dettami tal-ligi fil-presentata tar-rikors guramentat. Di piu lanqas indenjaw rwiehom illi joffru xi tip ta' spjegazzjoni u njoraw ghal kollox id-digriet ta' din il-Qorti biex jintavolaw risposta. Ghal din ir-raguni hija l-ferma opinjoni ta' din il-Qorti lil penali hija misthoqqa pero li ghandha tkun fil-minimu taghha.

**Ghaldaqstant qeghda tilqa t-talbiet mressqa tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru 818/16 u timponi fuq is-sekwestranti l-penali bejniethom fis-somma ta' elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€ 1,164.69).**

[2] Vide kopja tas-sekwestru anness.

**Bl-ispejjez a karigu ta' sekwestranti.**

**Miriam Hayman**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**John Muscat**
**Deputat Registratur**